

- 
- Ksur tal-Artikolu 20 u tal-Artikolu 41(1) u (2)(a) u (c) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea b'mod partikolari id-dritt għal smiġħ, l-obbligu tal-amministrazzjoni li tagħti l-motivi għad-deċiżjonijiet tagħha, il-prinċipji ta' amministrazzjoni tajba, ċertezza legali u ugwaljanza fit-trattament.
- 

**Rikors ippreżentat fl-4 ta' Ottubru 2021 – CB vs EUIPO – China Construction Bank (CCB)**

(**Kawża T-639/21**)

(2021/C 481/52)

*Lingwa tar-rikors: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrent:* Groupement des cartes bancaires (CB) (Pariġi, Franzja) (rappreżentant: C. Herissay-Ducamp, avukat)

*Konvenut:* L-Uffiċċju tal-Proprijetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

*Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell:* China Construction Bank Corp. (Beijing, iċ-Ċina)

**Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO**

*Applikant għat-trade mark kontenjuža:* il-parti l-oħra quddiem il-Bord tal-Appell

*Trade mark kontenjuža kkonċernata:* l-applikazzjoni għat-trade mark figurattiva tal-Unjoni Ewropea "CCB" – Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 13 359 609

*Proċedimenti quddiem l-EUIPO:* proċedimenti ta' oppożizzjoni

*Deċiżjoni kkontestata:* id-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-EUIPO tat-30 ta' Lulju 2021 fil-Każ R 1305/2020-2

**Talbiet**

*Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:*

- tannulla d-deċiżjoni kkontestata, tilqa' l-oppożizzjoni u tiċħad l-applikazzjoni għat-trade mark Nru 13 359 609;
- tikkundanna lill-EUIPO għall-ispejjeż.

**Motivi invokati**

- Ksur tal-Artikolu 94 tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill;
  - Ksur tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill;
  - Ksur tal-Artikolu 8(5) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.
- 

**Rikors ippreżentat fil-5 ta' Ottubru 2021 – Foodwatch vs Il-Kummissjoni**

(**Kawża T-643/21**)

(2021/C 481/53)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Partijiet**

*Rikorrent:* Foodwatch eV (Berlin, il-Ġermanja) (rappreżentanti: R. Klinger, C. Douhaire u S. Ernst, avukati)

*Konvenut:* Il-Kummissjoni Ewropea